MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2007

Numru. 534/2001

**Il-Pulizija**
**(Sp. Angelo Gafa)**

**v**

**Rosario Zammit ta' 47 sena bin Guzeppi u Helen nee Darmanin, imwieled Pieta' fl-14 ta' Dicembru, 1954, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 40555 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Rosario Zammit li ggib id-data ta' l-allegat reat ta' Settembru, 1997.

Rat ukoll li fis-seduta tat-3 ta’ Ottubru, 2007 xehdet l-Ex Spettur Helga Debono . L-istess ex Spettur xehdet illi hija qatt, sakemm damet fil-Korp ma kienet irnexxielha tinnotifika lill-akkuzat bl-akkuza. Din ix-xhieda fil-fatt kienet instigata mill-eccezzjoni mressqa mill-Avukat Difensur f’dan ir-rigward.

Jirrizulta wkoll mill-atti processwali li fil-fatt ma hemm ebda prova tan-notifika lill-akkuzat bl-akkuza.

Illi l-akkuzi migjuba kontra Rosario Zammit ai termini ta’ l-artikolu 308, 310 tal-kapitlu 9 huwa punibbli darba li tinstab htija minn tlettax-il xahar sa seba’ snin habs, ghalhekk preskrivibbli skond l-artikolu 688 fi zmien ghaxar snin.

Issa l-Prosekuzzjoni fit-trattazzjoni taghha ghamlet referenza ghall-fatt li galadarba Rosario Zammit kien imsiefer allura z-zmien tal-preskrizzjoni gie miksur u dan ai terminu tal-artikolu 693 tal-kapitlu 9. Pero’ din l-interruzzjoni tippresupponi li l-akkuza allura tkun notifikata u baqghat bla effett minhabba li l-akkuzat siefer jew telaq minn Malta. Dan mhux il-kaz. Illi ghalhekk dan l-artikolu ma japplikax ghal kaz in kwistjoni u ghallhek tiddikjara l-akkuzi preskritti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------